# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## LAQGĦA NUMRU 29

10 ta' Marzu 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**M I N U T I**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

29.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sitta u għoxrin (26) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

29.2.1.1. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AGS favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

29.2.1.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 26.2.8 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta mingħand il-Ministru Abela dwar taħt il-Forka. Is-SE talbet lill-Kunsill jikkjarifika eżatt x'jixtieq ħalli tkun tista' terġa' tikkomunika magħhom. Is-Sindku DSH riedet tikkjarifika li l-Kunsill qatt ma kien arroganti mal-entitajiet ikkonċernati. Is-Sindku DSH qalet ukoll li hi tħoss li l-kulur tal-ġebla ma jikkumplimentax mal-kulur tas-swar u insistiet li dan għandu jiġi emendat b'tali mod li jikkumplimenta l-madwar.

29.2.1.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 26.3.4 u staqsa jekk kienitx intbagħtet l-email rigward l-isem tal-lokalità. Is-SE MLL wieġbet li l-amministrazzjoni għandha tieħu ħsieb tagħmel dan fil-jiem li ġejjin.

29.2.1.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 26.8.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-proposta tas-subways. Is-Sindku DSH qalet li kienet informata li għalkemm l-entita' kienet lesta tikkunsidra l-proposta, ma kienx hemm biżżejjed fondi biex dan isir. Is-Sindku DSH qalet ukoll li kienet qed tistenna żviluppi dwar taħt il-loġoġ.

29.2.1.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 26.8.2 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward is-*cigarette bins*. Is-SE MLL wieġbet li l-amministrazzjoni kienet qed taħdem fuq *sponsorships* u kienu qed jiġu analizzati x'kienu lesti li joffru l-kumpaniji.

29.2.1.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 26.8.3 u staqsa jekk kienx hemm risposta mingħand is-Sur Miceli dwar il-kwestjonarju. Is-Sindku DSH wieġbet li kienet ikkuntattjatu u kienet qed tistenna li tingħata appuntament biex tinżamm laqgħa.

29.2.1.7. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi risposta mingħand TM dwar il-Park n'Ride.

29.2.1.7.1. Is-SE MLL wieġbet li kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat *reminder*. Il-Kunsillier JAE qal li jixtieq jinsisti li jirreklama dan is-servizz sabiex itaffi ftit mill-problema tat-traffiku. Huwa qal li dan is-servizz kien immirat iktar lejn l-impjegati u b'konsegwenza jgħin lir-residenti.

29.2.1.7.2. Il-Kunsillier AD issuġġerixxa li jitwaħħlu leaflets mal-*windscreens* tal-vetturi sabiex jirreklamaw is-servizz tal-Park n' Ride. Is-Sindku DSH wieġbet li għalkemm l-idea hija tajba, dan kien ser ifisser spiża kif ukoll li dan l-eżerċizzju kien ser jieħu l-ħin tal-impjegati tal-Kunsill.

29.2.1.7.3. Il-Viċi Sindku VB issuġġerixxa li dawn il-posters jintbagħtu lid-dipartimenti tal-Gvern li hemm fil-lokalità sabiex jiġu ċċirkulati. Il-Kunsill qabel li għandhom jintbagħtu lis-Segretarji Permanenti.

29.2.1.8. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kunsill jitkellem ma' TM u jiddiskuti jekk tistax issir inizjattiva konġunta fuq l-Intranet u tintbagħat ukoll lill-kumpaniji privati fil-lokalità. Is-Sindku DSH informat li ser tieħu ħsieb tifformola l-ittra.

29.2.1.9. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal-laqgħa li nżammet mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar il-problema ta' parkeġġ li qed isibu l-għalliema tal-Iskola Primarja u dwar it-talba li jingħataw spazji ta' parkeġġ riservati. Is-Sindku DSH qalet li matul din il-laqgħa hi nsistiet li hemm modi ulterjuri oħra biex tissolva l-problema ta' parkeġġ. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li kien hemm ħsieb li jingħataw spazji ta' parkeġġ fl-Ospizio. Il-Viċi Sindku VB qal li hu kien tkellem divers drabi dwar l-istops tal-Park n' Ride li jemmen li joffri soluzzjoni għal problema tal-parkeġġ. Huwa qal li hu kien insista li l-istops ikunu f'postijiet iktar konvenjenti.

29.2.2. Il-Viċi Sindku VB ġibed l-attenzjoni għan-numru li ġie mogħti lill-minuti tal-laqgħat straordinarji. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika jekk il-laqgħat għandhomx jiġu innumerati qabel ma jiġu approvati l-minuti.

## 29.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

### 29.3.1. TALBA MILL-ISKOLA PRIMARJA

Is-Sindku ressqet talba mingħand l-Iskola Primarja sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb ix-xiri tal-midalji. Is-Sindku DSH ipproponiet biex bħalma jsir is-soltu, dawn il-midalji tieħu ħsiebhom l-Akkademja ta' Justin Haber. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku DSH qalet li hemm kont pendenti pagabbli minn Justin Haber u qalet li kienet bagħtet lill-Akkademja sabiex jissetiljaw dan il-bilanċ.

### 29.3.2. LAQGĦA DWAR IL-PERMESSI TAR-ROAD WORKS

Is-Sindku DSH talbet lill-Viċi Sindku VB sabiex jinforma lill-Kunsill bl-eżitu tal-laqgħa li nżammet dwar il-permessi tar-*road works*. Il-Viċi Sindku VB qal li kien hemm formoli ġodda li jridu jintużaw mil-Kunsill meta jkun hemm talbiet dawn it-tip ta' permessi. Il-Viċi Sindku VB qal li tkellem dwar l-ispazji ta' parkeġġ riservati u qal li rriżulta li l-Ministeri u d-dipartimenti li jkollhom il-bitħa jew il-parkeġġ tagħhom, m'għandhomx dritt li jkollhom parkeġġ riservat fuq barra. Huwa żied jgħid li kien tkellem dwar talba pendenti mingħand UNHCR fejn ġie nformat li dawn għandhom jiġu trattati daqs Ambaxxata. Il-Viċi Sindku VB qal li kien staqsa wkoll għalfejn l-Ambaxxata Torka kienet ġiet mogħtija erbgħa parkeġġi riservati u mhux tnejn skont il-linji gwida. Il-Viċi Sindku qal ukoll li kien talab lista ta' parkeġġ riservati fil-lokalità li ġew approvati minn Transport Malta. Il-Kunsillier AGS ġibed l-attenzjoni għad-Depot tal-Pulizija u qal li dawn kellhom bitħa u minkejja dan, għandhom ukoll parkeġġ riservati quddiemhom.

### 29.3.3. TALBA GĦAL PARKEĠĠ RISERVAT – UNITED NATIONS

Rigward it-talba għal parkeġġ riservat mingħand il-UNHCR, is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Scerri minn Transport Malta. Is-Sindku żiedet tgħid li tixtieq tikkonferma jekk l-indirizz kwotat għandux permess biex ikun uffiċċju qabel ma l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar din it-talba. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lis-Sur Silvio Scerri sabiex jikkonferma jekk l-indirizz hux awtorizzat sabiex jintuża bħala uffiċċju. Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lill-Foreign Office sabiex jikkonferma l-indirizz uffiċċjali tal-entita'.

29.3.4. **PARKEĠĠI RISERVATI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza wkoll għall-parkeġġ riservati għal persuni bi bżonnijiet speċjali u qalet li kien qed ikun hemm ilmenti minħabba li l-parkeġġ ma jkunx riservat għan-*number plate* speċifika tal-applikant. Is-Sindku DSH qalet li f'lokalitajiet oħra, dawn kienu qed isiru bin-number plates u sostniet li kull lokalità għandha timxi bl-istess mod sabiex ma toħloqx konfużjoni u diskriminazzjoni. Il-Viċi Sindku VB qal li riċentement kien hemm każ fejn impjegata fil-lokalità kienet qed tipparkja fi spazju riservat għad-diżabbli u tmur għall-ġurnata tax-xogħol. Huwa qal li dawn il-każijiet t'abbuż kienu diffiċli biex jiġu nnotati u solvuti.

29.3.5. **TALBA MID-DIPARTIMENT TAL-EDUKAZZJONI**

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand id-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex titneħħa l-*one way* li hemm ma' ġenbhom sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-uffiċini tagħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jirreferihom għand Transport Malta.

**29.4 RAPPORTI**

29.4.1. Ma kien hemm l-ebda rapporti.

**29.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

29.5.1. **KARNIVAL**

Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-attivitajiet tal-Karnival u qal li minkejja li l-attività ma tkunx organizzata kompletament fil-Floriana, il-lokalità xorta waħda tassorbi ħafna mill-piż. Huwa qal li minħabba f'hekk kien qed jissuġġerixxi li fis-snin li ġejjin, isir tindif iktar intensiv mill-*Cleansing Department* matul il-jiem kollha tal-Karnival. Is-Sindku DSH qalet li din is-sena kien sar tindif sew iżda temmen li l-piż inħass iktar minħabba li ntużaw rotot alternattivi minħabba l-manutenzjoni li kienet qed issir fi Vjal ir-Re Dwardu.

Is-Sindku DSH qalet li tixtieq tesprimi d-diżappunt tagħha għall-fatt li kienet ġiet informata li l-Pulizija bdew jgħidu lir-residenti li l-Kunsill ma kienx ordna biżżejjed membri tal-Pulizija għall-*clearance* ta' Triq San Tumas. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ma kienx involut fil-*clearance* u li l-Kunsill kien mexa mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-Pulizija stess.

Is-SE MLL għamlet riferenza għall-permessi tal-gabbani maħruġa mill-Kunsill. Hija qalet li l-uffiċċju amministrattiv kien għamel ħafna xogħol sabiex jassigura li ma jkunx hemm abbuż; li l-permessi joħorġu kif suppost u li l-applikanti jarmaw skont il-permess tagħhom. Minkejja dan, il-Pulizija ma kienux jivverifikaw jekk l-applikanti ramgħux skont il-permess mogħti lilhom. Is-SE żiedet tgħid li huma l-Pulizija li għandhom jassiguraw li kulħadd rama' f'postu u li jaraw li l-applikanti għandhom il-liċenzji neċessarji skont il-pjanta li l-Kunsill provdilhom qabel ma bdew jarmaw il-gabbani. Is-Sindku DSH qalet li sfortunatament, din kienet storja li tirrepeti ruħha ta' kull sena.

Il-Kunsillier AGS qal li għandhom ikunu l-gwardjani lokali li jiċċekkjaw l-applikanti li jarmaw bħalma jsir fil-monti. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jassorbi din l-ispiża minħabba li din kienet attività nazzjonali u li d-dħul għall-Kunsill kien diġà limitat. Il-Kunsill qabel li l-ispiża ma tistax tkun iktar mill-ftit introjtu li jkollu.

Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li għall-Karnival tas-sena d-dieħla, il-Kunsill jitlob laqgħa f'Novembru ma' kull min hu ikkonċernat sabiex jara s-sens ta' loġistika u jkun iktar parteċipi fid-deċiżjonijiet li jsiru.

**29.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

29.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

**29.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

29.7.1. Is-Sindku DSH ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 23/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

29.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD u issekondata mill-Viċi Sindku VB u ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

**29.8 MOZZJONIJIET;**

29.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

**29.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

29.9.1. Is-Sindku DSH qalet li dakinhar kienet għalqet l-offerta' għall-Esklussivita' ta' Bejgħ ta' Ikel u Xorb matul il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Hija qalet li kien hemm offerta' waħda u li kienet qed tiġi aġġudikata.

29.9.2. Is-SE MLL tat rendikont tas-sejħiet għall-offerti li hemm għaddejjin bħalissa: dak tal-konsulent legali; kjosk tal-KGV; tal-Perit u tal-barriers.

29.9.3. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għat-tender tat-tindif tat-toroq u qalet li kif ġie diskuss, kienu ġew mitlub 2 *full timers* u kien hemm ukoll kundizzjoni sabiex il-kuntrattur jipprovdi *supervisor.* Is-Sindku DSH żiedet tgħid li l-Kunsill iżomm id-dritt li jqabbad *supervisor* hu wkoll jekk jinħass il-bżonn. Is-Sindku qalet ukoll li l-ko-ordinatur tat-tenders kien issuġġerixxa li l-Kunsill ma jitlobx *night shifts* minħabba li l-prezz jgħola iktar. Hija qalet li f'każ li jinħass il-bżonn, il-Kunsill jista' jiddiskuti mal-kuntrattur dwar din il-possibbiltà. Il-Kunsillier AGS qal li jħoss li għall-kuntrattur, ikun aħjar jaħdem bin-*night shifts* minħabba li jsib inqas vetturi fit-toroq u jkun jista' jnaddaf aktar faċilment. Il-Viċi Sindku VB qal li dan jaf joħloq diffikultà jekk il-kuntrattur ikollu lokalitajiet oħrajn. Is-Sindku DSH preżentat il-lista aġġornata wara kienet ġiet riveduta il-lista tal-frekwenza tat-tindif. Il-Kunsill approva.

**Nota: 18:00 Il-Laqgħa ġiet sospiża.**
**18:05 Il-laqgħa tkompliet fis-18:05.**
**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu sabiex jiddiskuti l-materja nru 11 – Rapport Finanzjarju – Raba Kwart 2016.**

**29.11 RAPPORT FINANZJARJU – RABA` KWART 2016**

29.11.1. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni sabiex jiġi approvat ir-Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart, issekondata mill-Viċi Sindku VB. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 5 (JAE,VB,DSH,AD,AGS)
Kontra: 0

Astensjonijiet: 0

## 29.10 Korrispondenza;

### 29.10.1. Zebra Crossings

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-offerta ta' MAPFRE fejn offrew li jizbghu iz-zebra crossings taħt id-dekasteru tal-Kunsill a spejjez tagħhom. Is-SE MLL informat li kienu nġiebu diversi kwotazzjonijiet sabiex isir dan il-proġett u li kienet ġiet magħżula l-orħos offerta. Il-Kunsill iddeċieda li jinżebgħu iż-żebra crossings f'dawn it-toroq: Triq il-Kapuċċini, tnejn fi Triq San Franġisk, Triq il-Mall u Triq Vincenzo Dimech.

### 29.10.2. Christmas Village – Justin Haber

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand Justin Haber sabiex jorganizza Christmas Village fuq il-Fosos. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jingħata permess minħabba li l-liġi ma tippermettix li fiż-żmien tal-festi jingħataw permessi għal attivitajiet ta' ċertu dewmien. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mas-Sur Justin Haber.

### 29.10.3. Reklam – Pubblikazzjoni tal-Festa

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Assocjazzjoni San Publju fejn offrew lill-Kunsill spazju għal reklamar fuq il-pubblikazzjoni tal-festa. Il-Kunsill qabel li għandu jara kemm hi s-somma mitluba għall-pubblikazzjoni tar-riklam.

### 29.10.4. Bini ġdid li ser isir fid-Depot tal-Pulizija

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-bini l-ġdid li ser isir fid-Depot tal-Pulizija. Hija qalet li kien hemm pjanti ġodda u li l-bini kien ser ikun kulur il-ġebla. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-bini jintegra mal-madwar.

### 29.10.5. Rekwiżiti tal-Health & Safety

Is-Sindku DSH qalet li kienet inħarġet ċirkolari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex kull kunsill jagħmel *risk assessment* tal-bini tiegħu. Is-SE MLL qalet li dik il-ġimgħa kienu ġew żewġ membri tal-OHSA li kienu ġew jagħmlu *assessment* u ssuġġerew xi miżuri ta' sigurtà. Is-SE qalet ukoll li huma kienu rrakkomandaw li jsir *risk assessment* u diġa' kienet qed tieħu dawk il-passi meħtieġa skont il-liġi.

### 29.10.6. Korsijiet tal-kompjuter

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand TCTC sabiex jiġi organizzat kors tal-kompjuter li jammonta għal €750 bil-kundizzjoni li jkun hemm numru ta' parteċipanti minimu ta' ħamsin persuna. Il-Kunsill ma qabilx li jorganizza dan il-kors minħabba li l-konkorrenza qatt ma tkun numeruża.

### 29.10.7. Reklam- Ktieb tal-Festa

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Uffiċċju Parrokkjali fejn offrew lill-Kunsill spazju fil-pubblikazzjoni tal-festa, għall-ammont ta' €326. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel reklam fil-ktieb tal-festa.

29.10.8. **Korsijiet tal-Lifelong Learning**

Is-Sindku ressqet korrispondenza rigward il-korsijiet tal-lifelong learning. Il-Kunsill qabel li ma jistax iżomm korsijiet minħabba li m'hemmx aċċess faċli għall-klassijiet għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku DSH qalet ukoll li normalment il-Kunsill ma jieħux sehem f'dawn il-korsijiet peress li ħafna mill-korsijiet jinżammu fl-Iskola Primarja tal-lokalità stess.

29.10.9. **Talba biex jinżamm kors fid-Dar tal-Kunsill**

Il-Viċi Sindku VB qal li kien irċieva talba sabiex il-Kunsill joffri l-ispazju biex jinżamm kors għall-għaqal fid-dar. Is-SE MLL fakkret li jekk il-kors jinżamm wara l-ħin tal-uffiċċju, kien ser ikun hemm bżonn li xi ħadd jiftaħ u jagħlaq wara. Hija fakkret ukoll li jkun hemm bżonn isir it-tindif neċessarju. Il-Viċi Sindku VB qal li għandu jivverifika l-ħinijiet tal-kors.

29.10.10. **Diskussjoni – Sessjonijiet ta' dibattiti politiċi**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie offrut jipparteċipa f'sessjonijiet dibattiti politiċi. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jipparteċipa.

29.10.11. **Ħsara fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Nexos Street Lighting rigward il-ħsara fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija nformat lill-Kunsill li l-kumpanija għandha tibgħat stima għat-tiswija tal-ħsara fil-jiem li ġejjin.

29.10.12. **Konferenza dwar l-użu tad-droga**

Is-Sindku DSH ressqet offerta' mill-Kunsill Lokali Naxxar sabiex tiġi organizzata konferenza dwar l-użu tad-droga b'mod konġunt. Hija żiedet tgħid li ma kienx hemm spejjez involuti ħlief l-użu tal-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

29.10.13. **Maratona organizzata mill-Mission Fund**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Mission Fund fejn informaw li ser jorganizzaw maratona fit-18 ta' Marzu 2017 u talbu l-parteċipazzjoni tal-kunsillieri sabiex jgħinu billi jirrispondu t-telefons, eċċ. Is-Sindku qalet ukoll li kienu qed jitolbu żewġ spazji ta' parkeġġ riservati għal matul l-attività. Il-Kunsill qabel li għandu jikkjarifika fejn qed jintalbu l-ispazji ta' parkeġġ biex jassigura li ma jkunx hemm ipparkjar illegali.

29.10.14. **Installazzjoni ta' bicycle racks**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Perit rigward installazzjoni ta' *bicycle racks*. Hija qalet li kienet ingiebet kwotazzjoni għal dawn ir-*racks*. Is-Sindku qalet li kien ġie suġġerit li dawn jiġu installati faċċata tal-Kunsill u fuq il-bankina ta' Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Is-Sindku issuġġeriet li l-Kunsill jipprova jġib *bicycle rack* bil-fondi tal-GHRC. Il-Kunsill qabel li għandu jesplora din il-possibbiltà u jinstalla *rack* waħda faċċata tal-Kunsill qabel ma jiddeċiedi jekk jinstallax oħra.

29.10.15. **INSTALLAZZJONI TA' PHOTOVOLTAIC PANELS**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand DHI Periti rigward installazzjoni ta' photovoltaic panels fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi u jibda' billi l-ewwel jinħareġ tender għal dawn il-pannelli.

29.10.16. **DOG PARK**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand DHI Periti rigward id-dog park. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi billi jġib prova li l-art proposta tappartjeni lill-Gvern.

## 29.11 RAPPORT FINANZJARJU – RABA` KWART 2016

29.11.1. Diskussa preċedentement qabel materja nru 29.10.

## 29.12 LAQGĦA MAL-GĦAQDIET TAL-FLORIANA

29.12.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li kien hemm sponsors li kienu wegħdu li jgħinu finanzjarjament lill-Kunsill iżda qatt ma ġew onorati. Għalhekk hi ssuġġeriet li l-Kunsill jagħmel arranġament formali mal-*isponsors* ħalli jkun hemm *commitment* min-naħa tagħhom. Hija qalet li dan jassigura li l-fondi mwegħda jgħaddu għand il-Kunsill kif ikun miftiehem.

29.12.2. Is-SE MLL fakkret lill-Kunsill li kull pagament maħruġ mill-Kunsill għandu jkun kopert b'riċevuta fiskali kif tistipula l-liġi.

29.12.3. Is-Sindku DSH pproponiet li tinżamm laqgħa mal-għaqdiet lokali nhar it-22 ta' Marzu 2017 fis-7.00pm. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat email biex tfakkar lill-għaqdiet dwar dan.

## 29.13 JUM IL-FONDAZZJONI TA' FLORIANA

29.13.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjetà tal-Istorja u l-Kultura tal-Floriana fejn pproponew li l-lokalità jkollha l-jum uffiċċjali ta' Jum il-Fondazzjoni. Is-Sindku żiedet tgħid li huma kienu pproponew id-9 ta' Mejju bħala l-jum uffiċjali.

29.13.2. Il-Kunsillier JAE ippropona li jiġi ikkonfermat x'wassal għal din id-data.

29.13.3. Il-Kunsillier JAE żied jgħid ukoll li wieħed irid jara li l-ideja tkun sostenibbli. Huwa qal li jħoss li l-lokalità diġà għandha l-identità tagħha u ma kienx hemm bżonn affarijiet oħra.

29.13.4. Is-Sindku DSH ipproponiet li ssir laqgħa mas-soċjetà fejn jiġu diskussi l-ħsibijiet li għandhom. Il-Kunsill qabel.

29.13.5. Il-Kunsillier AGS staqsa is-Soċjetà tal-Istorja u l-Kultura tal-Floriana kienitx għaqda rikonoxxuta. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-għaqdiet lokali kopja tal-istatut tal-għaqda tagħhom kif ukoll lista tal-membri li jagħmlu parti minnha.

29.13.6. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-Kumitat Ċiviku li twaqqaf madwar tliet snin ilu. Huwa qal li jħoss li dan il-kumitat ser ikun in kontradizzjoni mal-Kunsill Lokali minħabba li jidher li għandu l-istess rwoli. Il-Kunsill qabel li għandu jassigura li l-irwol tal-Kumitat Ċiviku ma jaħbatx mal-irwol tal-

Kunsill. Is-Sindku DSH qalet li matul il-laqgħa li ser tinżamm, ser tisħaq il-punt li l-Kunsill huwa l-Gvern Lokali tal-lokalità u għandu jkun hu li jirrappreżenta il-lokalità.

**29.14 INTERNAL MEMOS 76, 77 U 78/2017;**

29.14.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-Memo Interna 76 fejn l-Ambaxxata Torka talbu l-permess tal-Kunsill biex jagħmlu użu minn Ġnien Sir Luigi Preziosi sabiex torganizza festin żgħir għat-tfal nhar it-23 t'April. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

29.14.2. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-Memo Interna 77 fejn il-Kunsill kien offrut numru ta' studenti tal-qasam agrikoli biex iwettqu tindif u tħawwil, eċċ. Is-SE MLL informat li mill-ahhar korrispondenza, kienet ġiet informata li l-offerta' ma kienitx għadha miftuħa.

29.14.3. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-Memo Interna 78 rigward il-kirja tal-garage tal-Kunsill. Is-SE MLL informat lill-Kunsill li kien hemm bżonn li ssir tiswija fis-saqaf tal-garage. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas il-kera tal-garage bil-kundizzjoni li l-ewwel issir spezzjoni min-naħa tal-Housing Authority biex issir it-tiswija neċessarja.

**29.15 TALBA GĦALL-ĦLAS MINN ARMS – METER FI TRIQ SANT' ANNA**

29.15.1. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien irċieva kont mingħand l-ARMS għal meter tad-dawl fi Triq Sant'Anna. Is-Sindku qalet li dan il-kont kien intbagħat wara ħsara li kienet żviluppat riċentement.

29.15.2. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qatt ma kien irċieva kont għal dan il-meter u fil-fatt, lanqas kien jaf bih. Ghalhekk kien intalab parir lill-avukat tal-Kunsill fejn kien ġie stabbilit li parti mill-ammont kien diġà preskritt. Is-Sindku qalet li l-Avukat kien bagħat risposta fejn talab dettalji dwar dan il-kont, iżda r-risposta min-naħa tal-ARMS ma kienitx sodisfaċenti. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Avukat sabiex jerġa' jwieġeb.

29.15.3. Is-Sindku DSH qalet li dan kien nuqqas min-naħa tal-ARMS li ma ħadux passi sabiex jintbagħat il-kont. Is-Sindku qalet ukoll li d-dettalji kienu kollha korretti u ma kienx ġust li l-Kunsill jirċievi kont daqshekk għali wara li għadda tant żmien.

**29.16 IL-KAŻ KONTRA JUSTIN ATTARD**

29.16.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li t-terminu tal-appell kien għadda. Is-SE MLL informat li l-Kunsill seta' jipproċedi b'mandat ta' sekwestru kontra Justin Attard. Il-Kunsill qabel.

29.16.2. Is-SE MLL informat li l-Avukat Dr Martin Fenech kien talab li jithallas tal-ewwel parti tal-ispejjeż tiegħu qabel ma jagħmel il-mandat. Il-Kunsillier AGS qal li la l-Kunsill kien rebaħ il-każ bl-ispejjeż, allura l-kontijiet tal-avukati għandhom jitħallsu mill-parti l-oħra. Is-Sindku DSH qalet li dawn l-ispejjeż ser jiġu inklużi mal-ispejjeż tal-mandat.

29.16.3. Il-Kunsillier AGS ippropona li l-Kunsill jiftiehem ma' Dr Fenech li l-pagament joħroġ appena jsir il-mandat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**29.17 TALBA MINN MARIA ANNA MERCIECA GĦAL DANNI SOFFERTI**

29.17.1. Is-Sindku DSH ressqet talba għas-sagħra li tilfet minn Ms Maria Anna Mercieca wara li allegat li waqghet fi Triq is-Suq c/w Triq Sant'Anna.

29.17.2. Is-SE MLL qalet li kienet talbet rapport tal-istat tat-triq mingħand il-Perit fejn kien gie determinat li t-triq kienet maghmula bis-sengha u li l-mod kif kienet maghmula kien intiż biex ikun jista' jiskula l-ilma sew.

29.17.3. Il-Viċi Sindku VB qal li t-tarmak kien sar minn Transport Malta u għalhekk ix-xogħol ma kienx sar mill-Kunsill.

29.17.4. Is-SE MLL informat lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill kellu jissottometti d-dokumenti mitluba it-Tnejn tal-ġimgħa ta' wara.

**29.18 TALBA MINN GASAN MAMO INSURANCE PLC GĦAL DANNI SOFFERTI MINN MARIO PAUL COHEN**

29.18.1. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand Gasan Mamo Insurance rigward allegata ħsara li sofra s-Sur Mario Paul Cohen. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Avukat sabiex iwieġeb l-ittra mibgħuta.

**29.19 TALBA GĦAL PORFIDO MILL-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠNIEN TAL-ARGOTTI**

29.19.1. Is-Sindku DSH ressqet talba minghand Dr Buhagiar ghan-nom tal-Argotti fejn talab lill-Kunsill ammont ta' materjal tal-porfido.

29.19.2. Is-Sindku DSH qalet li dan il-materjal kien jiswa' l-flus u l-Kunsill kien sab diffikultà jsib biżżejjed minn dan il-materjal meta kellu bżonnu.

29.19.3. Il-Viċi Sindku VB qal li l-Kunsill kellu bżonn dan il-materjal biex ikompli parti miz-zona ta' Balzunetta. Ghalhekk il-Kunsill ma qabilx li jilqa' t-talba.

29.19.4. Is-SE MLL qalet li nel frattemp, kienet tkellmet mal-kuntrattur sabiex jitneħħa l-materjal minn fejn kien u jintrefa għand il-*Malta Scouts Association* temporanjament sakemm jitnaddaf il-post fejn kien mormi u jerġa' jiġi stivat bil-galbu.

**29.20 DEVOLUZZJONI TAL-ĠNIEN BINJA VILHENA**

29.20.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sitwazzjoni ta' Ġnien Vilhena u qalet li l-ARMS ma riedux jassorbu l-ispejjeż tad-dawl ta' dan il-ġnien. Hija qalet li dan il-ġnien kien jintuża ħafna mir-residenti tal-lokalità speċjalment matul iż-żmien tas-Sajf.

29.20.2. Is-Sindku DSH qalet li l-Housing Authority kienu aċċettaw li jħallsu parti mill-kont huma. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-Kunsill kien diġà jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' dan il-ġnien a buona volontà tiegħu. Ghalhekk hi pproponiet li ssir talba lill-Gvern Centrali sabiex issir devoluzzjoni ta' dan il-ġnien lill-Kunsill.

29.20.3. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku DSH favur l-approvazzjoni tat-talba għad-devoluzzjoni ta' Ġnien Vilhena, issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 5 (DSH, JAE, VB, AGS, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

29.20.4. Is-Sindku DSH qalet li appena tkun konfermata d-devoluzzjoni, il-Kunsill ikun jista' jipproċedi u japplika għal transfer tal-meter, eċċ.

## 29.21 St Patrick's Day

29.21.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li l-preparamenti għal din l-attività kienu għaddejjin ġmielhom. Hija qalet li l-attività kienet ser tibda' b'parata u wara ser ikun hemm kant fuq il-palk. Is-Sindku qalet li l-attività kienet ser tibqa' għaddejja sas-7pm.

29.21.2. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien sab ko-operazzjoni kbira mill-Floriana Ajax. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li kienu nġiebu sponsorships mingħand il-Corinthia Hotel (€300) kif ukoll mingħand WM Environmental Ltd (€150). Hija qalet ukoll li Dimbros Ltd. kienu offrew li jipprovdu mobile toilets bi prezz ridott. Is-Sindku qalet li kkumparat ma' snin oħra, l-attività ser tiġi tiswa' ħafna inqas.

29.21.3. Is-Sindku DSH fakkret fil-konferenza stampa li kienet ser tinżamm it-Tnejn 13 ta' Marzu 2017 wara nofsinhar.

29.21.4. Il-Kunsillier JAE awgura li jkun temp sabiħ sabiex l-attività tirnexxi.

29.21.5. Is-Sindku DSH talbet li jiġi rreġistrat fil-minuti li l-attività saret is-Sibt ta' wara St Patrick's Day minħabba li s-Sibt ta' qabel kien ser ikun hemm il-logħba ta' Floriana vs Hal Balzan u ghalhekk kien aħjar li jiġi evitat konflitt ta' dawn iż-żewġ attivitajiet.

## 29.22 Festival tan-Nar Mekkanizzat

29.22.1. Il-Kunsillier JAE fetaħ il-materja billi staqsa jekk intbagħtitx l-istqarrija. Is-Sindku ikkonfermat li l-istqarrija kienet intbagħtet. Huwa staqsa wkoll jekk kienux ġew iffirmati l-kuntratti. Is-Sindku ikkonfermat li dawn ukoll kienu lesti.

29.22.2. Il-Kunsillier JAE informa li għal darb'ohra ser jinġibed filmat bid-*drone*.

29.22.3. Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet avviċinata minn Colin Muscat li jieħu ħsieb il-logħob tal-ajru minn fuq il-bini tal-każin tal-Floriana F.C. Is-SE MLL informat li matul laqgħa li nżammet mas-Supretendent, kienet ġiet infurmata li l-logħob tal-ajru ma kienx permess kollu. Ghalhekk il-Kunsill qabel li għandu jiċċertifika x'tip ta' logħob tal-ajru kien se jsir. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ispiża m'għandiex teċċedi it-€350.

29.22.4. Il-Kunsillier JAE ġibed l-attenzjoni għat-tqassim tat-traffiku matul il-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lis-Supretendent dettalji dwar kif kien ser jitqassam it-traffiku dakinhar.

## 29.23 Ġenna ta' Ġonna

29.23.1. Is-Sindku DSH fetħet id-diskussjoni billi qalet li l-Kunsill irid jiddeċiedi fuq id-data ta' meta ser tiġi organizzata l-edizzjoni li jmiss ta' Ġenna ta' Ġonna.

29.23.2. Is-Sindku DSH għamel riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mil-MTA u nfurmat li l-gwidi għandhom ikunu irreġistrati mal-MTA. Hija żiedet tgħid li l-Kunsill kien ħa ħsieb jinforma lill-individwi ikkonċernati b'din il-korrispondenza. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jirċievi risposta minghand il-gwidi qabel jiddeċiedi meta ser tinżamm l-edizzjoni li jmiss.

## 29.24 Isle of MTV

29.24.1. Is-Sindku DSH ipproponiet li materja nru 29.29 tiġi diskussa flimkien ma' materja nru 29.24. Il-Kunsill qabel.

29.24.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-proġett li ser jiġi ffinanzjat mill-MTA kien kważi gie finalizzat. Hija qalet li l-Kunsill kien qiegħed f'negozjati mal-Water Services Corporation sabiex tinqasam l-ispiża biex issir it-tiswija neċessarja fil-pajpijiet tal-ilma. Is-SE MLL qalet li tant hemm ħsara kbira li eventwalment xorta waħda kien ser ikun hemm bżonn li ssir dalwaqt.

29.24.3. Is-Sindku DSH irringrazzjat lill-Kunsillier AGS li kien informaha dwar il-possibbiltà li l-Isle of MTV ma jsirx fil-Floriana. Is-Sindku qalet li kien għadu ma gie ikkonfermat xejn min-naħa tal-MTA u ghalhekk ipproponiet li l-Kunsill jibgħat email lill-MTA u jitlob konferma fejn ser issir l-attività. Il-Kunsillier AGS ippropona li l-korrispondenza tintbagħat ukoll lill-Ministru Zammit Lewis. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li għandu jinsisti li r-risposta tingħata malajr anke sabiex ikunu jistgħu isiru l-arranġamenti u d-diskussjonijiet neċessarji mal-entitajiet ikkonċernati.

29.24.4. Is-Sindku DSH esprimiet it-tħassib tagħha li jekk l-Isle of MTV ma jsirx fil-Floriana din is-sena, jaf ikun hemm reżistenza mir-residenti jekk jiġi deċiż li l-attività terġa' ssir fil-lokalità fis-snin li ġejjin.

**<u>Nota: 20:00 Il-Kunsill qabel li jestendi l-laqgħa b'siegħa.</u>**

## 29.25 JUM IL-FLORIANA

29.25.1. Is-Sindku DSH informat li s-sala Robert Samut ma kienitx disponibbli u ghalhekk pproponiet li l-attività ta' Jum il-Floriana tinżamm fis-sala tad-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li għandu jieħu ħsieb jordna s-siġġijiet neċessarji.

29.25.2. Il-Kunsillier JAE qal li l-preparamenti għal din l-attività kienu għaddejjin tajjeb u min-naħa tiegħu kien għad jonqos biss li jikkuntattja l-personaġġ.

## 29.26 FUNTANI KG5

29.26.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li kellha ssir laqgħa mal-ELC iżda ma kienx hemm konferma min-naħa tagħhom.

29.26.2. Is-SE MLL qalet li kienet talbet parir lill-Dr Cuschieri dwar kif jistgħu isiru l-gradilji fuq il-funtani iżda kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattjah il-Viċi Sindku VB.

29.26.3. Is-Sindku DSH ġibdet l-attenzjoni għal bżonn ta' żabra tas-siġar u talbet lill-Viċi Sindku VB sabiex jieħu ħsieb dan ix-xogħol.

29.26.4. Il-Kunsillier AD qal li kien gie mogħti l-parir li jekk titwahhal gradilja, din tkun diffiċli biex titnaddaf minħabba li d-dijametru jkun twil wisq. Għalhekk huwa ppropona li l-funtana timtela' bil-ħamrija. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-parir tal-ELC ukoll qabel ma jieħu deċiżjoni finali.

## 29.27 STEDINA LILL-KUNSILL TA' MACERATA

29.27.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-istedina tal-Kunsill lill-Kunsill ta' Macerata u qalet li dawn kienu nformaw lill-Kunsill li mhux ser ikunu jistgħu jattendu. Hija qalet li tinsab iddiżappuntata minħabba li l-Kunsill kien ilu ħafna jistenna risposta u kien leħqu saru l-preparamenti neċessarji u anke ntalbu sponsorships.

## 29.28 ĦARĠA GĦAL CATANIA

29.28.1. Is-Sindku DSH talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata ħarġa għal Catania, bħalma sar is-sena ta' qabel. Hija żiedet tgħid li finanzjarjament, lill-Kunsill ma kienet ser tiġi tiswih xejn. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**29.29 PROĠETT MTV**

29.29.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement, matul materja 29.24.

**29.30 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

29.30.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 12 ta' April 2017 fil-5.00 pm.

**Konfermati, illum 12 t' April 2017.**

*Firmati*

Davina Sammut Hili
Sindku

*Firmati*

M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv